MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2718/2002

**Medserv Limited**

**vs**

**Dr. Godfrey Gauci Maestre u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2003 giet ordnata korrezzjoni fis-sens li kunjom il-konvenut ghandu jigi spellut bhala Gauci Maistre**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,338.72) rapprezentanti s-somma dovuta minnu bhala prezz ta' storage tal-boat ROSABELLE fil-facilitajiet tas-socjeta' attrici f'Manwel Island, kif dettaljat fl-

istatement u l-invoice immarkati bhala Dok. A1 sa Dok. A7.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-invoices.

Ra r-Rispopsta prezentata mill-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Ghal kull buon fini kunjom il-konvenut huwa Gauci Maistre.
Fil-mertu l-konvenut jeccepixxi bir-rispett li s-somma mitluba m’hijex dovuta kollha kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Peress li l-konvenut sofra danni huwa qieghed jipprevalixxi ruhu mill-istanza introdotta kontra tieghu mis-socjeta’ attrici sabiex jistitwixxi l-kontro-talba tieghu.

Ra t-talba rikonvenzjonali prezentata mill-konvenut fejn huwa talab li s-socjeta’ attrici tigi kkundannata thallsu s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00) rapprezentanti danni sofferti minnu bhala konsegwenza tal-fatt li s-socjeta’ attrici ppustjat hazin u kontra r-regoli tas-sengha l-bastiment Rosabelle u dan nonostante diversi nterpellazjonijiet biex il-bastiment jigi ppustjat sew.

Ra r-Risposta prezentata mis-socjeta’ attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn hija eccepiet is-segwenti:-
It-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fil-ligi.
Is-socjeta’ attrici ma hija responsabbli bl-ebda mod ghall-kundizzjoni tal-MY Rosabelle, jew ghal xi danni li l-istess setghet garrbet billi m’huwiex veru li s-socjeta’ attrici ppustjat il-boat hazin u li dan wassal ghal xi hsarat fl-istess.
Is-socjeta’ attrici ma hija responsabbli bl-ebda mod ghall-kundizzjoni tal-MY Rosabelle jew ghal xi danni li l-istess setghat garrbet. Din iddeterjorat kemm minhabba s-susa kemm minhabba li thalliet ghal zmien twil tinxef fl-art bla kura sufficjenti.
Konsegwentement it-talbiet fil-kontro-talba tal-konvenut ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu.

Ra n-nota prezentata mill-konvenut fejn huwa rtira t-talba rikonvenzjonali tieghu.

Sema' x-xhieda tal-Perit Godwin Borg, ta' Mario Sciberras, ta' Daniel Grima u tal-Engineer Paul Cardona, Ha konjizzjoni tal-affidavit tal-konvenut u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-konvenut.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirrigwarda prezz ta' storage tal-bastiment tal-bahar Rosabelle, liema bastiment gie ppustjat fuq l-art f'Manwel Island, u precizament fil-propjeta' tas-socjeta' attrici, fuq inkarigu specifiku tal-konvenut. Il-prezz u l-kundizzjonijiet konnessi mas-servizzi moghtija mis-socjeta' attrici huma elenkati fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet u ddatat 12 ta' Lulju 2000 (a fol. 29 tal-process). Mill-provi rrizulta li d-dghajsa ghadha ppustjata fl-istess post u li l-konvenut hallas biss pagament wiehed u ma baqghax ihallas nonostante li huwa gie nterpellat diversi drabi fir-rigward. L-ammont miftiehem bejn il-partijiet kien ta' 90 centezmu ghal kull metru kwadru kull gimgha u l-ammont preciz li huwa dovut huwa indikat fl-istatement u fil-fatturi li jinsabu esebiti a fol. A1 sa A7 tal-process. Il-konvenut isostni li l-intendiment bejn il-partijiet kien li fl-eventwalita' li l-bastiment in kwistjoni jdum in storage ghal perijodu ta' aktar minn disa' xhur kellu jigi miftiehem prezz anqas. It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li l-ftehim tat-12 ta' Lulju gie b'xi mod varjat in kwantu jirrigwarda l-prezz, anzi fl-affidavit tieghu (a fol. 73) huwa jghid hekk "filwaqt li huwa minnu li r-rata ridotta li kelli nhallas wara disa' xhur qatt ma pprecizajniha, li kellna f'mohhna, u jiena kont kuntent, kienet riduzzjoni ta' terz, u cioe' ta' Lm297.50 fis-sena." Jirrizulta ghalhekk li l-prezz originali miftiehem bejn il-partijiet qatt ma gie rinegozzjat u ghalhekk baqa' applikabbli. Inoltre irid jigi nnutat li fil-fax message tas-17 ta' Gunju 2003 mibghut mill-konvenut lis-socjeta' attrici huwa jghid hekk***:-"Regarding the outstanding dues to Medserv Ltd, which I***

***inadvertently omitted to refer to in my previous fax, I would like to inform you, that having finalised my claim against the vessel's insurers, I should be in a position to settle with you within 10-12 days".*** Din il-fax hija risposta ghal diversi nterpellazzjonijiet mibghuta mis-socjeta' attrici sabiex ihallas l-arretrati ta' storage fees dovuti minnu. Dan ovvjament jimplika li f'dak l-istadju il-konvenut kien qed jirrikonoxxi li l-prezz indikat fil-ftehim tat-12 ta' Lulju 2000 kien ghadu applikabbli u li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici kien dovut minnu. Mill-provi rrizulta li sal-llum l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghadu dovut minnu. In vista ta' dan kollu li ghadu kemm inghad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu qed tigi michuda.

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu in kwantu jirrigwarda l-mertu l-konvenut jeccepixxi li huwa sofra danni minhabba l-agir tas-socjeta' attrici u ntavola kontro-talba in kwantu jirrigwarda dawn id-danni alllegatament sofferti. Fi stadju successiv huwa rtira din it-talba rikonvenzjonali peress li d-danni allegatament sofferti minnu kienu jammontaw ghall madwar Lm6,000.00 u dan l-ammont jeccedi l-kompetenza rationae valoris ta' dan it-Tribunal It-Tribunal qieghed ghalhekk jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba rikonvenzjonali izda peress li l-konvenut iissolleva l-kwistjoni tad-danni anki per via d'eccezzione din il-kwirjoni ghandha wkoll tigi kkunsidrata u ddeterminata.

Il-konvenut isostni li l-bastiment Rosabelle gie ppustjat hazin mis-socjeta' attrici u b'hekk gew kawzati danni sotanzjali lil dan il-bastiment. It-Tribunal huwa tal-fehma li anki t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu ghandha tigi michuda u dan ghal diversi ragunijiet u cioe':-

1. Jirrizulta li fil-mument li l-bastiment gie mqieghed fil-kustodja tas-socjeta' attrici kien diga' f'kundizzjoni hazina u fil-fatt kien qed jaghmel l-ilma.

2. Mis-survey report imhejji minn Daniel Grima ( a fol. 30 et seq. tal-process), u cioe' is-surveyor imqabbad mis-socjeta' attrici, jirrizulta li d-dghajsa keinet ippustjata

tajjeb u l-kundizzjoni hazina li kienet tinsab fiha kienet dovuta ghas-susa li kien hemm fl-injam u ghad-deterjorament dovut ghal fatt li d-dghajsa kienet ilha ghal zmien twil fuq l-art u l-injam kien espost ghall-elementi.

3. Huwa minnu li mir-rapport tal-Engineer Paul Cardona, imqabbad mill-konvenut, li jinsab esebit a fol. 76 tal-process, jirrizulta li ***"the supports were not adequate for this type of vessel and it was recommended that additional supports under the keel were to be placed to support the hull better..." i***zda fix-xhieda li ta Paul Cardona viva voce quddiem dan it-Tribunal huwa qal hekk:-

***4. "Din kienet dghajsa antika tal-injam. Nghid li il-best buy days ta' din id-dghajsa kien ilu li ghadda"*** u aktar il-quddiem ***"il-hsara li kien hemm fid-dghajsa kienet dovuta ghall-eta'. Nghid li l-post u t-temp ma ghenuhiex izda illi l-kundizzjoni taghha kienet dovuta ghall-eta".***

5. Dan kollu jimplika li l-hsara fil-bastiment Rosabelle kienet dovuta ghall-eta' u ghall-fatt li kienet ilha esposta ghall-elementi fuq l-art ghal zmien twil u mhux ghal mod kif kienet ippustjata. Inoltre mix-xhieda tal-Petit Godwin Borg jirrizulta li fil-fatt is-socjeta' attrici segwiet l-istruzzjonijiet moghtija mill-Engineer Paul Cardona immedjatament.

Fil-fehma tat-Tribunal il-hsara riportata fil-bastiment Rosabelle bl-ebda mod ma tista' tigi attribwita ghall-agir tas-socjeta' attrici izda semmai ghat-traskuragni tal-konvenut li ppermetta li d-dghajsa fil-kundizzjoni li kienet iddum dak iz-zmien kollu fuq l-art esposta ghall-elementi minghajr ma tissewwa u terga' titnizzel il-bahar.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,338.72), bl-

imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------